# L-istorja tad-Drenaġġ fil-Marsa

***Intervista ma' Michael Saliba*** *Kitba ta' Anton Cassar*

■ L-istorja tad-drenaġġ f'ħafna nħawi ta' Malta hija storja interessanti marbuta mat-titjib fl-iġjene fil-gżejjer Maltin. Forsi ftit jafu li l-bidu tad-drenaġġ fil-gżejjer Maltin kien f'idejn il-Militar Ingliż.



*Meta l-Banda Trinità Qaddisa ħarġet iddoqq għall-ewwel darba fil-festa tas-SS.ma Trinità nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju, 1949. Fuq il-lemin jidher il-kanal tal-ġebel minn fejn kien igħaddi d-drenaġġ*

Lord Strickland meta kien Segretarju tal-Gvern ta' Malta kien ħadem biex is-sistema tad-drenaġġ tibda tinfirex fil-gżejjer Maltin. Peress illi d-drenaġġ kien jinsab fl-inħawi l-iktar fejn kienu n-nies tas-Servizzi Ingliżi, Strickland ried ukoll li jifrex is-servizz tad-drenaġġ f'dawk il-postijiet li kienu mgħammra mill-Maltin.

Imma din kienet ħaġa diffiċli minħabba li d-drenaġġ dak iż-żmien kien jinsab f'idejn il-Militar. B'taħditiet li għamel ma' l-Awtoritajiet Imperjali fl-1890, it-tmexxija tad-drenaġġ għaddiet f'idejn il-Gvern u kien sar ftehim li l-Militar kellu jħallas somma ta' flus ta' kull sena lill-Gvern talli juża d-drenaġġ.

**Id-Drenaġġ fil-Marsa**

Minn dak iż-żmien sal-lum wieħed jista' jgħid li s-sistema tad-drenaġġ kważi nfirxet mal-gżejjer Maltin kollha. Għalkemm fil-furja tal-bini li kienet saret fis-snin ta' wara l-aħħar gwerra dinjija, kienu nfetħu ħafna toroq ġodda fl-irħula kollha u speċjalment fin-naħa ta' Paceville, Bugibba, il-Qawra, Wied il-Għajn u Marsaxlokk, fejn kienu nbnew djar li kien għad ma kellhomx is-sistema tad-drenaġġ. Dawn kellhom jinqdew bil-fosos li kienu jsiru quddiem jew ma' ġenb id-djar ġodda. Dawn il-fosos biż-żmien bdew ukoll ikunu eliminati malli titwassal is-sistema tad-drenaġġ.

Sas-snin ħamsin id-drenaġġ fil-Marsa f'xi nħawi tat-Triq is-Salib, quddiem fejn kien qabel, il-Każin tal-Banda u proprju ma' ġenb il-pixxina tal-papri, kien jgħaddi mill-wiċċ f'kanal mibni fuq arkati tal-ġebel. Hawnhekk id-

drenaġġ mhux biss kien jarmi ntejjen li kienu jdejqu lill-abitanti tal-qrib, iżda kull tant kien jiżbroffa u saħansitra jidħol fil-kantini tad-djar kif se naraw minn din l-intervista li ġejja.

**Intervista ma' Michael Saliba**

Dwar kif kien igħaddi d-drenaġġ fil-Marsa kelli intervista mas-Sur Michael Saliba, President tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa. Michael Saliba jgħid hekk: "Nista ngħidlek kif kien jgħaddi d-drenaġġ minn Triq is-Salib tal-Marsa. Id-drenaġġ kien jibda mill-Blata l-Bajda u billi din kienet għolja u l-pendil tad-drenaġġ li jrid ikun invellat, fil-Blata l-Bajda kien jinżel xi 40 pied fond u kien jinżel taħt il-kappella ta' Dun Ġorġ Preca.

"Minn hemm id-drenaġġ kien jibqa' nieżel mirdum u jgħaddi minn fejn illum jien qiegħed bil-ħanut tiegħi f'Nru 30 Triq is-Salib u kien jgħaddi minn ġol-katina tal-ħanut tiegħi u kien jibqa' nieżel dritt u jgħaddi minn ħdejn il-kantuniera ta' Triq il-Pitkali.

"Minn hawnhekk kien imbagħad jibda jidher għaddej fil-wiċċ f'kanal mibni fuq l-arkati. Kien jibda għaddej mikxuf, kif għidna, mill-kantuniera ta' Triq il-Pitkali, fejn fl-antik kien hemm dik il-kamra ta' l-Esso li kienet isservi għall-bejgħ tal-pitrolju, li kienet f'idejn Ganni Debattista. Kien hemm rampa li kienet tagħti għal isfel, fejn il-kumpanija ta' l-Esso kellha l-imħażen tagħha tal-petrol u l-pitrolju. Id-drenaġġ kien jgħaddi fuq ir-riħ tagħhom u jibqa' sejjer fi Triq is-Salib, miexi fuq l-arkati u jerġa' jindifen fejn illum hemm il-Banka tal-Lottu tal-Każin tal-Banda, f'dik in-naħa tat-Triq li llum issemmiet għal Patri Feliċjan Bilocca.

**Ma' Patri Feliċjan konna tlabna biex id-drenaġġ jitneħħa**

"Imbagħad flimkien ma' Patri Feliċjan Bilocca li kien iċ-Chairman tal-Kumitat Ċiviku tal-Marsa, konna appellajna mal-Gvern ta' dak iż-żmien u konna għidnilu biex ineħħilna dik l-intiena. Il-Gvern kien qalilna li kellu proġett x'jagħmel u ma setax jaqbad u jagħmlu mill-ewwel. Jiena l-ewwel wieħed għidtlu li fil-kantina tagħna, peress li minn fejn kien jgħaddi d-drenaġġ kien f'kanal mgħotti li kien xi erba' piedi 'l isfel mill-isprall tal-kantina, meta kienet issir l-overflow minħabba x-xita, il-kantina tiegħi kienet timtela' xi erba' jew ħames piedi bil-materjal tad-drenaġġ u kont niġġieled ma' l-awtoritajiet sanitarji biex jiġu ineħħuwulna. Xi erba' darbiet ġrat din l-istorja. Imbagħad jien bqajt ninsisti ma' Patri Feliċjan. Kienu qalulna li l-proġett kien mixi, kif fil-fatt wara sar u d-drenaġġ kien tneħħa mill-wiċċ tat-triq.

**Iċ-ċumnija fi Triq is-Salib**

"Issa biex inkompli dwar id-drenaġġ dan kien jerġa' jindifen quddiem iz-zuntier tal-Knisja tat-Trinità u jibqa' sejjer safejn illum hemm is-Service Station ta' Paul & Rocco, fejn qabel kien hemm iċ-ċumnija li kienet isservi biss biex tgħaddi minnha l-arja u d-drenaġġ jibqa' miexi.

"Din iċ-ċumnija kien għamilha z-ziju tiegħi Franġisku Scicluna li kien Manager tad-drenaġġ. Barra minn hekk kien ukoll disinjatur u kien fassal dik iċ-ċumnija li kienet magħmula forma hexagonal, jiġifieri b'sitt faċċati.

"Id-drenaġġ minn hemm kien jibqa' nieżel u kien jiġi fil-kantuniera ta' fejn is-Salib tal-Marsa ma' Triq it-Tiġrija. Issa min-naħa ta' Ħal Qormi kien jiġi d-drenaġġ l-ieħor u jiltaqa' ma' dak li kien ġej minn Triq is-Salib u d-drenaġġ jibqa' sejjer fil-wiċċ fuq dak il-pont li jgħaddi minn fuq il-kanal ta' l-ilma li jiġi mill-widien, li aħna konna ngħidulu l-Baħar tal-Misħun jew taż-żringijiet, fejn fl-antik kien hemm id-depot tat-tram u minn hemm jibqa' sejjer lejn Wied Għammieq".



*Iċ-ċumnija tad-drenaġġ magħmula forma ta' hexagonal fuq disinn ta' Franġisku Scicluna, iz-ziju ta' Michael Saliba*

**Ir-ritratti f'dan l-artiklu**

Nixtieq ngħid li żewġ ritratti li jidhru f'dan l-artiklu, dak taċ-ċumnija u dak tal-pont li kien jgħaddi fuq il-Baħar tal-Misħun huma ritratti li kien ħa Emanuel Vassallo u kien għaddihom lil ħuh John li kienu joqgħodu fi Triq l-Għolja tal-Ġiżwiti u li kienu jgħidulhom ta' Ġulja. Illum dawn iż-żewġ ħbieb tiegħi jinsabu mejtin. Ir-ritratt l-ieħor ta' xbieha artistika ta' Triq il-Pitkali u l-imħażen ta' l-Esso kien għamlu C. Camenzuli u għaddihuli Michael Saliba.

Illum id-drenaġġ ma għadux igħaddi minn fuq il-pont li jaqsam fuq il-Baħar tal-Misħun għax illum jgħaddi midfun u iktar 'il hemm, hemm Pumping Station li kultant għadha sal-lum toħloq xi problemi għat-tfal ta' l-iskola

li hemm fil-qrib.

Parti mill-pont li kien jgħaddi fuq il-Baħar tal-Misħun, dik il-parti li tgħaddi fuq it-triq, ittajret meta kien għaddej trakk u l-kaxxa tiegħu kienet b'xi mod telgħet u tajret biċċa mill-pont. Fil-parti l-oħra li tgħaddi fuq il-kanal u li għadha wieqfa għad hemm kitba bil-Latin minquxa fil-ġebel li tgħid hekk:



*Il-pont li jinsab għaddej fuq il-Baħar tal-Misħun li parti minnu llum iġġarrfet biex ikun jista' jgħaddi t-traffiku ta' nġenji tqal*

**Urbium Sordibus Publicae**
**Salutis Ergo in Mare Deducendis**

Bil-Malti l-kitba tgħid hekk:
**Biex il-ħmieġ ta' l-ibliet minħabba**
**s-saħħa tal-poplu jittieħed fil-Baħar.**

It-traduzzjoni mil-Latin għall-Malti għamilhieli l-ħabib tiegħi Dr. Vincent Depasquale, li kien Direttur tal-Biblijoteka Nazzjonali.




*Disinn artistiku ta' Triq is-Salib kantuniera ma' Triq il-Pitkali, fejn kienu jinsabu l-imħażen tal-ESSO*